**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**Spettur Oriana Spiteri**

**vs**

**Raymond Caruana**

**Distrett Zabbar**

**Illum 20 ta' Jannar, 2021**

Il-Qorti;

Rat lil Raymond Caruana, detentur tal-karta tal-identita' numru: 152077M.

Akkuzat talli fl-20 ta' Ottubru, 2019 bejn 0230 hrs u s-0245 hrs gewwa l-Beach Club, Triq il-Qaliet, Marsaskala:

1. Minghajr skuza ragjonevoli kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni tal-Qorti.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' affidavit ta' PC 723 F. Caruana, current incident report datat 21 t'Ottubru, 2019, vera kopja ta' sentenza datata 29 ta' Lulju, 2019 kif ukoll Ordni ta' Trazzin immarkati bhala Dok DP1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Dorianne Pawney.

**PC 723 F. Caruana**, jispjega li fil-21 t'Ottubru, 2019 ghal habta tal-10:00 hrs, Dorianne Pawney marret tghamel rapport rigward li l-ex partner taghha Raymond Caruana kiser l-Ordni ta' Protezzjoni. Spjegat illi fl-20 t'Ottubru, 2019 ghal habta ta' 02:00 hrs u 03:00 hrs waqt li kienet gewwa l-istabbiliment bl-isem "Beach Club", gewwa Marsaskala, Raymond Caruana ghadda minn hdejha u laqatha bi spaltu meta ghadda minn maghha. Dorianne Pawney qalet lil Raymond Caruana sabiex ihalliha bi kwietha u hin minnhom rat zewgt irgiel izommu lil Raymond Caruana milli jersaq vicin taghha. Dorianne Pawney ghaddiet kopja tal-Ordni tat-Trazzin lill-pulizija, liema Ordni kienet inharget nhar is-27 ta' Settembru, 2019 mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli fejn l-istess Magistrat ipprojbit lil Raymond Caruana milli javvicina lil Dorianne. Fil-31 t'Ottubru, 2019 ghal habta ta' 20:15 hrs, Raymond Caruana rraporta l-Ghassa u wara tkellem mal-Avukat tieghu Dr. Amadeus Cachia, huwa ta l-verzjoni tieghu. Raymond jikkonferma li ra lil Dorianne Pawney gewwa l-istabbiliment "Beach Club", izda jinnega li f'xi hin resaq lejha. Raymond kompla jispjega li Dorianne kemm-il darba tibghatlu messaggi fuq il-mowbajl personali tieghu sabiex jghaddilha l-flus ghall-uliedhom. Inoltre jispjega li Dorianne gieli anke rikbet fil-karozza ta' Raymond Caruana meta talbitu jghinha tixtri l-bzonnijiet ghall-uliedhom. Raymond informal ill-pulizija li Dorianne Pawney tiehu pirmli kontra d-dipressjoni. Huwa kkjarifika li meta gieli ltaqghu hu u Dorianne, dan dejjem kien bi skop li jghaddilha l-flus ghal uliedhom.

**Dorianne Pawney,** tghid li fil-21 t'Ottubru 2019 kienet qeghda fil-Beach Club u meta jarha l-imputat jibda jgieghlha tiehu drink mieghu izda hi tirrifjuta u ma tkunx trid. F'hin minnhom bejn is-saghtejn u tlieta ta' filghodu l-imputat taha daqqa bi spalltu u prova jhebb ghaliha u bdeda jipponta subajh fuqha, fil-fatt beda jheddidha u jghidilha li issa tara x'inhu gej ghaliha. Tghid ukoll li dan kien il-lejl ta' bejn is-Sibt u sbieh il-Hadd filghodu.

Saret it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkuza taqra l-mod segwenti:

"*Billi fl-20 ta' Ottubru 2019 bejn l-02:30hrs u l-02:45hrs gewwa l-Beach Club, Triq il-Qaliet, Marsaskala,*
*1. Minghajr skuza ragjonevoli ksirt xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqek b'ordni tal-Qorti."*

Illi jirrizulta f'din il-kawza li l-imputazzjoni kif mahruga fil-konfront ta' l-imputat hija zbaljata stante li l-istess akkuza ma tirreferix ghal-liema ordni b'mod specifiku si tratta, jekk hux ordni ta' protezzjoni jew trazzin, datata meta u ta' liema Qorti. Ghalhekk l-ordnijiet jistghu jkunu hafna, ampji u differenti. Fil-fatt mill-atti jirrizulta li hemm Ordni ta' Trazzin mahruga fil-konfront ta' l-imputat izda fl-akkuza ma ssir l-ebda referenza specifika ghaliha.

Ma jirrizultax li dan il-punt tqajjem fit-trattazzjoni tad-difiza, u lanqas il-prosekuzzjoni ma talbet xi korrezzjoni ta' l-imputazzjoni in kwistjoni, izda din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tal-ksur ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu li korrettament jirrigwarda Ordnijiet ta' Trazzin meta l-akkuza ma tispecifikax ghal-liema ordni qed taghmel referenza.

A bazi ta' dan il-Qorti qed taghmel referenza ghas-sentenza, *Il-Pulizija vs Mark Gatt datata 6 ta' Dicembru 2018 per Imhallef C Scerri Herrera*, meta hawnhekk il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat li ladarba l-imputat kien milqut b'ordni ta' trazzin din ma setghetx ssir referenza ghaliha fl-akkuza bhala Ordni ta' Protezzjoni. Iktar u iktar fil-kawza odjerna meta ma tezisti l-ebda referenza ghal ebda ordni partikolari specjalment ukoll meta l-akkuza hija ghal kollox monka minn kwalunkwe dettal li jirrigwarda l-istess ordni. Ghalhekk, *nullum crimen sine lege.*

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat **Raymond Caruana** hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta u ghaldaqstant tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**